**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**10 ta' Diċembru, 2023**

# IN-NOVENA

Nhar il-Ġimgħa li ġejja, 15 ta' Diċembru, se nibdew in-Novena tal-Milied. In-Novena tibda fil-5:00pm. Din in-Novena hija għat-tfal u għall-kbar.

Ikun hemm min jaħseb li n-Novena tal-Milied hija xi "ħaġa tat-tfal".

Veru li t-tfal jidentifikaw lilhom infushom mal-Bambin Ġesù. Imma anke aħna l-kbar għandna bżonn inkunu "childlike". Mhux "childish" imma "childlike". Maż-żmien, iktar nikbru, tikber il-possibbiltà li qalbna tinkesa bl-għabra tat-telqa, tar-rabja, tal-ħarba miċ-Ċentru li jinsab fil-maxtura.

Fin-Novena, it-tfal kollha se jirċievu presepju sabiħ biex imbagħad ftit ftit jimlewh bil-pasturi li se jirċievu matul il-jiem tan-Novena.




Aħna l-kbar se nsiru "pasturi" tal-presepju, nidħlu ħdejn Ġesù li jrid li qalbna ssir bħal tiegħu.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## IS-SIĠRA TAL-KARITÀ



Bħal fis-snin l-imgħoddija, is-siġra tal-karità ser terġa' tiġi armata fil-knisja. Bħas-soltu, ser inkunu qed ngħinu diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna. Inħeġġukom tipparteċipaw u ġġibu l-oġġetti li jkunu miktuba fuq il-karti tas-siġra.

## Avviżi:

**NOFSTANHAR GĦAND IL-KAPUĊĊINI:** irtir qasir mid-9:00am, inkluża l-Quddiesa, għall-gruppi ta' talb u oħrajn, f'dan il-Ħadd 10 ta' Diċembru. Trasport provdut fit-8:30am minn ħdejn iċ-Ċentru.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA** tavża li:

- nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru se żżur Marsalforn fejn issir quddiesa fil-kappella ta' Sant'Antnin. Wara jkun hemm ħin għall-kafè. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9:30am.
- l-Ħamis 21 ta' Diċembru se ssir l-Ikla tal-Milied f'nofsinhar. Tluq fil-11:30am.

Min hu interessat ikellem lil Tonina fuq 79923153 jew 21553041.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 13 ta' Diċembru, fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha Dun Manwel Cordina ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** javża li bħalma għamel diġà fis-snin li għaddew se jżur lill-morda u l-anzjani fid-djar tagħhom, is-Sibt 16 ta' Diċembru bejn id-9:00am u l-11:30am.

**LAPIDI FIĊ-ĊIMITERJU:** Infakkrukom li lapidi jistgħu jitqiegħdu biss fuq l-oqbra u mhux fil-passaġġi. Għalhekk nitolbu lil dawk li poġġew lapidi fil-passaġġi biex iressquhom għal fuq il-qabar tal-familja tagħhom. Huwa pprojbit li jitqiegħdu lapidi jew vażuni jew xi ġebel fil-passaġġi. Meta l-passaġġ ikun fih lapidi jew vażuni dan jista' anke jipperikola l-mixi ta' min ikun għaddej.

**KANT FIN-NOVENA**
Fl-10 ta' Diċembru, fid-9:00am, it-tfal se jkollhom prova tal-kant tan-novena fiċ-Ċentru Parrokkjali. Jistgħu jiġu akkumpanjati mill-ġenituri.



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am